**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 589/21 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 780/1994)

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat zzewgu fir-Registru Pubbliku, Valletta gewwa Malta, nhar il-Hamis 17 ta' Mejju 1984, u dana skont l-anness certifikat taz-zwieg mmarkat Dok 'A';

2. Illi min dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied E F u G D, li twieldu nhar il-Gimgha 28 ta' Marzu 1986 u nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 1988 rispettivament. Illum il-gurnata z-zewgt ulied huma t-tnejn

maggorenni fl-etajiet rispettivi ta' hamsa u tletin (35) sena u tlieta u tletin (33) sena hekk kif evidenzjat mill-annessi certifikati tat-twelid ta' G D u E F  nee D mmarkati bhala Dok 'B' u 'C' rispettivament.

3. Illi r-rikorrenti u l-intimat ilhom jghixu separatament minn xulxin mis-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) u sussegwentament isseparaw legalment minn xulxin permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti datata 31 ta' Ottubru 2017 per l-Imhallef Abigail Lofaro, rikors guramentat numru 260/2012 AL, liema kopja tas-sentenza u n-nota tal-insinwa jinsabu hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'D';

4. Illi llum il-gurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrenti u l-intimat jirrikonciljaw stante li ilhom jghixu separatament ghal aktar minn ghoxrin (20) sena. In oltre illum il-gurnata dawn ghandhom hajja separata minn xulxin;

5. Illi l-imsemmija sentenza ma' akkordatx manteniment a favur ebda mill-partijiet u ghalhekk m'hemmx pendenzi bejn il-partijiet f'dan ir-rigward;

6. Illi r-rikorrenti tixtieq tiddevorzja u tagbel li z-zwieg ghandu jigi mahlul [vide: affidavit tal-istess anness u mmarkat bhala Dok E];

7. Illi dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjenimnet tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn Valerie Cachia u Raymond Coleiro u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlulai termini tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif wkoll tordna lir-Registru tal Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-Partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvedimentiehor li jidrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Jannar 2022;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma pprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proeduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Ottubru, 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.